**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠSTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Joseph Xerri u Spettur Kurt Farrugia)**

**vs**

**Zven Azzopardi**

**Illum, 30 ta' Awwissu 2023**

**Il-Qorti;**

Rat li **Zven Azzopardi**, ta' 20 sena, iben Emanuel u Sonia xebba Vella, imwieled il-Pieta', Malta nhar it-08 ta' Lulju 2003, residenti Hubbard, Block 7, Flat 6, Triq il-Alessandra, Bormla, detentur karta tal-Identita' Maltija bin-numru **0242503L** tressaq taħt arrest akkużat talli bejn ix-xahar ta' Marzu tas-sena 2023 u d-29 ta' Awwissu 2023 ġewwa dawn il-Gżejjer b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

*1.* Naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali, Onor. Imħallef Dr. Aaron Bugeja M.A. (Law), LL.D., fid-digriet mogħti

nhar is-sitta (6) ta’ Awwissu 2020, li bih ingħata il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija;

*Artikoli 18 u 579(1)(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

2. Naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Gabriella Vella, LL.D., fid-digriet mogħti nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta’ April 2023, u kif sussegwentament emendati b’digriet tal-Qorti Kriminali, mogħti nhar il-10 ta’ Mejju 2023 mill-Onorevoli Mħallef Dr. Edwina Grima LL.D., li bih ingħata il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija;

   *Artikoli 18 u 579(1)(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija, flimkien mal-piena skond il-liġi, tirrevoka l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti lil **Zven Azzopardi** u tordna l-arrest mill-ġdid tal-istess **Zven Azzopardi**, u dan ai termini tal-artikolu 579 (3) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex tordna li s-sommom bħala depozitu u garanziji personali, jgħaddu favur il-Gvern ta’ Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat li wara li sar l-eżami tal-imputat waqt is-seduta tal-lum huwa ammetta l-imputazzjonijiet, kif ukoll li wara li l-Qorti spjegat il-portata tal-ammissjoni lill-imputat stess u l-possibbli sentenza li tista’ tingħata fiċ-ċirkostanzi, u wara li tagħat żmien lill-imputat biex jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu u tat ukoll iż-żmien biex jikkunsidra l-ammissjoni mill-ġdid, u għal dan il-għan ipposponiet il-kawża, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Rat l-artikoli ċitati u l-atti proċesswali.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena, li n-suċċint qablu li għalkemm għandu jkun hemm piena ta' priġunerija effettiva din għandha tingħata fil-minimu, kif ukoll li parti biss mis-somom depożitati jew garanziji jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ma fehemx il-gravita tal-azzjonijiet tiegħu. Huwa ingħata diversi opportunitajiet stante l-preżunzjoni tal-innoċenza, sabiex ma tiġix ristretta lilu l-libertà fl-istadju tal-proċeduri kriminali istitwiti fil-konfront tiegħu. Minkejja dan huwa nstab f' ċirkostanzi li jiksru l-kundizzjonijiet għal ħelsien mill-arrest, u għaldaqstant il-Qorti trid taċċerta ruħha li l-imputat jifhem li jrid jimxi mal-kundizzjonijiet imposti fuqu mil-Qorti bil-għan li jintlaħaq bilanċ bejn id-dritt tal-libertà tal-imputat waqt li jkun għaddej minn proċeduri kriminali u fi stadju meta huwa jkun preżunt innoċenti, u l-interessi tas-soċjetà.

Il-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat u peress li tirrikonoxxi li b'dan huwa ikkontribwixxa għal użu aħjar ta' riżorsi tal-Qorti u tal-istituzzjonijiet involuti, flimkien ma kunsiderazzjonijiet oħra, hija taqbel mal-partijiet li piena ta' priġunerija effettiva pero' kkalibrata fil-minimu tagħha, tkun waħda ġusta.

Għal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fuq ammissjoni tal-imputat stess issibu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għal-piena karċerarja effettiva ta' erba' (4) xhur.

In oltre, ai termini tal-Artikolu 579 (1) tal-Kodiċi Kriminali qiegħda tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' elf ewro (€1,000) stabbilita bħala depożitu għall-ħelsien mill-arrest ai termini tad-digriet tal-Qorti Kriminali, Onor. Imħallef Dr. Aaron Bugeja M.A. (Law), LL.D., tas-06 ta' Awwissu 2020.

Finalment il-Qorti qiegħda tordna r-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid tal-ħati f'dawk il-proċeduri, u fil-proċeduri odjerni

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------